**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Ottubru 2019**

Numru 15

**Referenza Nru. 23/2019**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Martin Marco Baldacchino, l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat li fid-9 ta' Jannar 2019 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ir-rikorrent ressaq talba ghal referenza abbazi tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni fejn allega li d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jippatteggja ma tintitolahx li jiddiskrimina bejn persuni akkuzati b'reati simili (Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni). Isemmi tlett kazijiet fejn l-Avukat Generali mhux talli ppatteggja izda sahansitra prattikament irtira jew ssostitwixxa kap tal-att tal-akkuza meta l-fatti esposti fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuza kienu juru xorta ohra.

L-appellant irrefera ghal kazijiet ta' persuni akkuzati li qabbdu n-nar f'dar fejn in-narrattiva tal-fatti, skond ir-rikorrenti, hija simili jekk mhux identika, ghal kaz odjern. F' dawk il-kazijiet l-Avukat Generali akkuza lill-imputati taht l-artikolu 316(a) tal-Kap 9 izda minhabba l-possibilita ta' ammissjoni, fid-diskrezzjoni tieghu, ghazel li jaccetta l-

ammissjoni taht l-Artikolu 318 bhala alternativa ghal l-ewwel kap tal-akkuza filwaqt li zamm ferm ghal-bqija tal-kapi l-ohra u b'hekk il-hatja inghataw sentenza sospiza.

Fil-kaz Repubblika ta' Malta vs Carmelo Camilleri - kien sar patteggjament u fuq ammissjoni Camilleri gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin kif ukoll multa ta' €2500;

Fil-kaz Repubblika ta' Malta vs Marius Scerri – kien sar patteggjament u fuq ammissjoni Scerri wehel sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin flimkien ma' ammenda ta' €100;

Fil-kaz Repubblika ta' Malta vs Anthony Cilia - kien sar patteggjament u fuq ammissjoni Cilia wehel piena sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin kif ukoll multa ta' €5,000.

L-appellant issottometta li fil-kaz tieghu, l-Avukat Generali ma kienx accetta li jippatteggja ghalkemm kien hemm l-istess fatti tar-reat u circostanzi ohra li jimmilitaw favurih (isemmi li hu ghen lill-Prosekuzzjoni bix-xhieda tieghu; hallas il-hsara kkagjonata u kellu problemi ta' droga).

Sahaq li b'din id-diskrezzjoni, l-Avukat Generali holoq diskriminazzjoni kontra tieghu billi huwa ma jistax jiddiskrimina bejn persuni akkuzati bl-istess reat. Qal li l-Avukat Generali mhux talli ma ppatteggjax mieghu imma appella mis-sentenza tal-Qorti li marret taht il-minimu, meta fil-kazijiet fuq imsemmija huwa kien accetta ammissjoni taht kap ta' akkuza inqas gravi. Semma li fil-kaz ta' diskriminiazzjoni l-ilment irid ikun marbut ma' xi jedd iehor imhares mill-konvenzjoni. Il-kawzali fl-Arikolu 14 huma biss indikativi u uza minn dawk mahsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. It-trattament differenti bejn kategorija ta' persuni irid ikun legittimu u ragjonevoli.

**Risposta tal-Avukat Generali**

Fit-18 ta' Jannar 2019 l-Avukat Generali wiegeb li t-talba tal-appellant kienet wahda frivola u vessatorja ghall-ahhar billi fl-ewwel lok proceduralment it-talba ma setghetx tintalab abbazi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni.

Fil-mertu ssottometta li r-rikorrent ikkumpara l-fatti tal-kaz odjern mal-fatti ta' kazijiet ohra li dwarhom sar patteggjament. F'dan il-kaz ma tistax issir kumparazzjoni billi fil-kaz tieghu ma kienx sar patteggjament u l-fatti huma differenti.

Qal li l-Avukat Generali ma ghandu ebda diskrezzjoni unilaterali li jippatteggja. Il-patteggjament isir permezz ta' rikors konguntiv ai termini tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu jipproponu piena lil Qorti li min-naha taghha hija libera ex lege li ma taqbilx mal-piena proposta u tista tinfliggi dik il-piena li hi thoss li tkun idoneja.

Dwar l-Artikolu 14 issottometta li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda forma ta' diskriminazzjoni. Ma kien hemm ebda patteggjament u l-piena giet deciza unikament mill-Qorti Kriminali.

**Digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Frar 2019**

llli l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet taghha tirreferi ghat-talba tal-appellant fejn jilmenta illi bil-fatt illi I-Avukat Generali, kuntrarjament ghal kazijiet ohra fejn l-akkuzi kienu identici u il-fattispecje simili ghal dawk in ezami ghogbu jasal ghal patteggjament mal-persuna akkuzata u dan fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, fejn kien hemm qbil Ii I-piena kellha tkun dik ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, fil-kaz tal-appellant dan ma sehhx, biex b'hekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq u dan meta sehhet diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Dan ghaliex f'dawn il-kazijiet I-Avukat Generali iddikjara fil-Qorti illi kien dispost Ii I-akkuzat jammetti ghar-reat tal-hruq volontarju taht l-artikolu 318 tal-Kodici Kriminali bhala akkuza alternattiva ghall-Ewwel Kap taI-Att tal-Akkuza Ii kien jikkontempla r-reat aktar gravi kif mahsub fl-artikolu 316(a). Dan il-patteggjament gie accettat mill-Qorti Kriminali Ii ghaddiet ghad-decizjoni fuq dak miftiehem bejn il-partijiet. L-appellant fil-fatt jaghmel referenza ghal tlett kawzi fejn id-decizjoni tal-Qorti Kriminali kienet wahda in linja ma' dak patteggjat bejn il-partijiet u dan fil-kawzi - Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Cilia, Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Camilleri, u Ir-Repubblika ta' Malta vs Marius Scerri.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawzi iccitati mid-difiza u tara illi l-akkuzi moghtija fit-tlett kazijiet kienu identici ghal dawk migjuba mill-Avukat Generali kontra l-appellant f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Illi f'dawn it-tlett kawzi, il-Qorti Kriminali accettat l-ammissjoni tal-persuna akkuzata fit-termini tal-artikolu 318 tal-Kodici Kriminali bhal alternattiv ghal dak moghti fl-Att tal-Akkuza li kien ir-reat mahsub fl-artikolu 316(a), liema reat igorr piena aktar gravi. Fil-kaz in dizamina ma jidhrx illi sehh dan billi l-Avukat Generali fid-diskrezzjoni moghtija lilu bil-ligi ma accettax illi ikun hemm ammissjoni ghar-reat minuri, b'dan ghalhekk illi l-Qorti Kriminali kellha taccetta l-ammissjoni kif maghmula mill-appellant ghar-reati kif addebitati lilu fl-Att tal-Akkuza u allura b'wiehed mir-reati ikun dak mahsub fl-artikolu 316(a) tal-Kodici Kriminali.

Illi hawnhekk kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja qeghdin jaghmlu referenza ghad-drittijiet tal-akkuzat fi proceduri kriminali, liema proceduri kriminali gew hafna drabi moghtija tifsira wiesgha mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jinkludu kull process li jista' b'xi mod ikollu effett fuq il-proceduri penali li jsiru fil-Qorti, anke dawk li isehhu allura 'barra il-Qorti'.

Abbinat mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-appellant jikkontendi ukoll permezz tal-verbal irregistrat fl-udjenza ta' llum illi b'dak li sehh fil-process penali meta meqjus fl-intier tieghu kontra l-appellant sehhet diskriminazzjoni fil-konfront tieghu b'lezjoni tad-dritt enkapsolat fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Illi l-Qorti tqies allura illi l-kwistjoni ventilata mill-appellant la hija frivola u wisq anqas vessatorja tenut kont tal-fatt b'mod specjali illi l-Avukat Generali qieghed ifittex revizjoni ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali billi qed jitlob illi l-appellant jinghata piena aktar severa.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet Referenza Kostituzzjonali fejn talbet li jigi deciz il-kwezit jekk bil-fatt illi l-proceduri penali migjuba kontra l-appellant huwa ma giex trattat bl-istess mod bhal persuni ohra akkuzati b’reati identici setax kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba din l-allegata diskriminazzjoni tant illi nghata piena aktar severa u dan bi ksur ta’ dak dispost fl-artikolu 39 abbinat mal-

artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikoli 6 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Quddiem dina l-Qorti l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb ghal din ir-referenza billi qal hekk:**

Illi r-referenza kostituzzjonali maghmula fit-13 ta' Frar 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) hija redatta fis-sens illi 'Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' t-talba tal-appellant u wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tibghat lil Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) sabiex jigi minnha deciz il-kwezit jekk bil-fatt illi fil-proceduri penali migjuba kontra l-appellant huwa ma giex trattat bl-istess mod bhal persuni ohra akkuzati b'reati identici setax kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba din l-allegata diskriminazzjoni tant illi inghata piena aktar severa u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 39 abbinat mall-artikolu 45 tal-Kostituz:joni ta' Malta u l-artikoli 6 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
1. Illi preliminarjament, gialadarba parti mir-referenza hija mibnija fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq f kawza li ghadha pendenti, l-ezercizzju biex jigi determinat kienx hemm smigh xieraq huwa prematur u intempestiv.. Dan qieghed jinghad stante li sa issa ghadu mhux maghruf jekk, kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrenti sejjer jigi zvantaggjat waqt is-smigh tal-proceduri kriminali li ghadhom pendenti. Illi f’dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikat li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati in vacuo u dan lanqas il-ligi ma tippermettih;

Illi gie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita tieghu. Bhala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed ma ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet proceduralі li jokkorru fl-izolament izda jrid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). Anke minn dan biss, isegwi li dawk il-proceduri jridu jkunu gew konkluzi biex isir l-ezami dwar jekk kienux affetti min-nuqqas ta' smigh xieraq pero dwar dan hemm ukoll izjed x'jinghad.

Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm Xi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara Fenech vs Avukat Generali deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistghax u ma ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li

tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (ara Pullicino vs Onor. Ministru et deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 - Vol. LXXXII.i. 158).

Illi r-rikorrenti ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigh xieraq naxxenti mill-process kriminali u dan ghas-semplici raguni li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti. Illi fil-fehma tal-esponenti r-referenza hija wahda prematura u ghandha tigi dikjarata bhala tali.

L-esponenti jissottomettu li minkejja li l-kwistjoni li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti hija mnissla minn referenza Kostituzzjonali xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata intempestiva u prematura tenut kont li l-procedura kriminali ghadha ma gietx konkluza. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-26 ta' April 2013 fir-referenza Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud fejn dik il-qorti osservat illi "Ikunx hentm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ghalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi processwali appena elenkati, fost ohrajn, li jistghu jitqieghdu quddiemha fil-kors tal-process u ghalhekk certament il-fatt wahdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tieghu ghal riferenza lil din il-Qorti ma hux wahdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li ghalhekk hi ghal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti”.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tal-parti li provokat ir-riferenza u dan tant hu hekk li anke mid-digriet ta' referenza tat-13 ta' Frar 2019 ma jirrizulta minn imkien li b'xi mod gew mittiefsa xi wahda mill-protezzjonijiet moghtija bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

F’dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li (a) il-proceduri kollha qed jinzammu u qed jigu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti ghandu access ghall-qorti; (c) is-smigh kollu kien kondott fil-presenza tieghu; (d) l-partijiet kollha qed jigu trattati b'mod ugwali minghajr ma kien hemm l-ebda vantagg procedurali minn xi persuna fuq ohra; (e) ir-rikorrenti nghata l-opportunita kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstab meghjun minn avukat ta’ fiducja tul il-proceduri; u (g) ir-rikorrenti kien moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

Illi huma l-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali li jiddeterminaw il-htija o meno tal-persuna akkuzata quddiemhom u li f’kaz ta' htija jiddeciedu dwar il-piena u mhux l-Avukat Generali. Illi meta l-Avukat Generali jkun qieghed iwettaq il-funzjoni tieghu ta' Prosekutur huwa jkun qieghed isegwi l-provvedimenti tal-Kodici Kriminali li bihom huwa marbut u li dejjem ihares. Madankollu dik il-funzjoni ta' prosekutur tinvolvi ukoll elementi ta' kalkolu u ta' gudizzju u dan specjalment dwar l-akkuzi li fic-cirkostanzi jkun idoneju li jinghataw, dwar ir-riskju illi l-imputat ma jinstabx hati ta' certi akkuzi

abbazi tal-provi, kif ukoll dwar xi tkun il-piena l-aktar idoneja kemm biex il-hati jkun kastigat talli ghamel kif ukoll biex huwa jigi riabilitat u jkun jista' jirrinserixxi ruhu fin-normalita tal-hajja socjali. Ghalhekk hija, bir-rispett kollu, erroneja l-assunzjoni li jidher li hemm fid-digriet ta' referenza illi kull meta ma jkunx hemm uniformita tar-rizultat wara li diversi persuni jkunu rrinfaccjaw l-istess akkuzi (ukoll jekk abbazi ta' incidenti u ta' fatti differenti) allura hemm xi prima facie nuqqas.

Fil-qasam penali tant kull kaz ivarja mill-iehor illi hija kwazi assolutament infondata illi akkuzi identici ghandhom jirrizultaw f'pieni identici. Dan tant hu hekk illi anke l-ligi stess kwazi dejjem tipprovdi ghal kastigi minimi u massimi ghall-istess reat ghax tirrikonoxxi illi l-istess reat jista' jigi kommess f'diversi gradi ta' gravita.

Illi l-hsieb tal-legislatur meta introduca s-sistema tal-patteggjamenti, liema sistema ilha tezisti sa mill-2002 fis-sistema ta' dritt penali nostran, jinkludi l-iskop li l-persuna li tkun akkuzata u li tkun trid tammetti l-akkuzi migjuba kontra taghha tkun tista taghmel dan minghajr ma jkun hemm il-htiega li ddum tistenna sabiex isir il-guri jew process iehor taghha filwaqt li s-socjeta ukoll tiffranka l-pizijiet u l-ispejjez involuti f'tali process.

Sistemi ta' patteggjament, ukoll jekk ma jissejjhux hekk, illum jezisti hafna gurisdizzjonijiet u huma meqjusa bhala ghodda importanti fit-thaddim effettiv u efficjenti tad-dritt penali.

Madankollu dan ma jfissirx li akkuzat jew prosekutur huwa b'xi mod obbligat li jippatteggja jew, fil-kaz ta' Malta, li l-Qorti Kriminali hija obbligata li tammetti tali patteggjament. Illi mkien fil-Kodici Kriminali ma huwa kontemplat li l-qrati ta' guridizzjoni kriminali huma obbligati li jaccettaw xi ammissjoni li ma jkunux konvinti minnha u ghalhekk kull premessa fis-sens illi l-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali kienu dan il-kaz obbligati li jaccettaw l-ammissjoni tal-akkuzat ghar-reat aktar gravi hija totalment zbaljata. Dan ukoll stante li l-Qorti Kriminali zzomm u kellha kontroll shih tal-proceduri u ma sethet kienet sfurzata minn hadd biex taccetta ammissjoni ta' akkuzat.

Illi huwa inkoncepibbli kif ir-rikorrenti qieghed jittanta jirkeb fuq il-funzjoni tal-Avukat Generali fl-istitut tal-patteggjament sabiex jilmenta minn allegat ksur tad-dritt ta' smigh xieraq. Minn imkien fir-referenza jew fit-talba li pprecedietha ma nsibu li r-rikorrenti b'xi mod kien zvantaggjat fl-andament tal-proceduri kriminali in konfront tieghu u dan ghas-semplici raguni li d-dritt ghas-smigh xieraq tar-rikorrenti qieghed jigi rispettat b'mod rigoruz mill-Qrati.

Illi aktar minn hekk, meta jkunu qed isiru trattativi bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza dwar patteggjamenti dan bl-ebda mod ma jfisser li xi ftehim dwar patteggjament jikkostitwixxi xi gudizzju definittiv: hija biss il-Qorti ta' gurisdizzjoni penali li trid tara jekk il-patteggjament huwiex wiehed accettabbli ghaliha u li l-ammissjoni tal-akkuzat u l-piena li jkunu waslu ghaliha l-Prosekuzzjoni u d-difiza tkun wahda gusta u accettabbli ghal tali Qorti.

Huwa minnu illi kull process ta' patteggjament l-prosekutur irid jezercita gudizzju li ordinarjament jigi ezercitat mill-qorti u jrid allura jqis id-diversi fatturi msemmija aktar

'il fuq f'din ir-risposta, inkluz li jipprevedi dak li x'aktarx ikun lezitu jekk isir il-process penali u l-possibilita ta' rinseriment tal-akkuzat fis-socjeta.

Kontra dan, il-kontroparti qeghda tipprezenta xenarju semplicistiku li jipprezumi li jekk l-akkuzi huma identici allura kollox hu identiku bir-rizultat illi anke l-piena trid tkun identika. Dan bir-rispett kollu, huwa l-antitezi tal-gustizzja fil-kamp penali.

Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li dwar il-principju ta' judicial certainty, li fuqu l-kontroparti jidher illi qed jibbaza l-pretensjoni tieghu, il-Qorti dejjem irriteniet li ma kinitx il-funzjoni taghha li tqis zbalji ta' fatt jew ta' dritt allegatament kommessi minn qrati domestici sakemm tali zbalji ma kienux jivvjolaw drittijiet protetti mill-Konvenzjoni. Illi jigi sottomess ukoll li l-konsegwenza naturali ta' kull sistema gudizzjarja bbazata fuq livelli differenti ta' gurisdizzjoni huwa li sentenzi jistghu jvarjaw fuq il-medda ta' snin u dan huwa ukoll rikonoxxut mill-Qorti Ewropea mad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dak li jrid jintwera anke biex jibda jigi kunsidrat jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq minhabba differenzi fis-sentenzi huwa principalment jekk kienx hemm 'profound and long-standing differences' bejn il-gurisprudenza tal-qrati domestici, jekk il-ligi domestika kinitx tipprovdi ghall-mekkanizmu sabiex jigu newtralizzati l-kunflitti u jekk tali mekkanizmu kienx applikat. Illi mill-mod kif inhija redatta r-referenza ma jidhirx li l-ilment tal-parti li pprovokat ir-referenza huwa gustifikat u dan ghas-semplici raguni li s-sentenzi li ssir riferenza ghalihom fir-referenza huma decizjonijiet tal-Qorti Kriminali li kollha nghataw fis-sena 2011 u cioe hames snin qabel ma resaq quddiem il-Qorti Kriminali l-kaz fejn ir-rikorrent jallega li ma inghatax smigh xieraq u t-tlett sentenzi ta' hames snin qabel citati bhala l-bazi tar-referenza certament li ma jistghux jitqiesu bhala mprova ta' gurisprudenza kostanti fis-sens illi kull min jikkommetti hruq doluz dejjem jehel sentenza ta' habs sospiza. In fatti dan il-kaz anke l-kontroparti stess tammetti illi hija qatt ma setghet tehel sentenza sospiza minhabba l-fatt illi hija wettqet ir-reat bi ksur ta' ordni ta' probation.

Illi l-esponenti huma ukoll sorprizi kif il-Qorti riferenti ddeskriviet il-kaz li ghandha quddiemha bhala wiehed li huwa l-istess bhat-tlett kazijiet l-ohra. Ghad li l-akkuzi kienu l-istess il-fatti ta' kull kaz ivarjaw kif ukoll ivarjaw il-provi u c-cirkostanzi partikolari tal-kazijiet. Hija gurisprudenza stabbilita illi l-varjazzjoni fil-pieni dwar l-istess akkuzi. specjalment fuq medda ta' zmien, ma jimportawx in-nuqqas ta' smigh xieraq ghax l-ebda kaz ma huwa identiku ghall-iehor. Ghalhekk huwa ghall-inqas sorprendenti kif l-erba' kazijiet li ghalihom hemm referenza (inkluz dak odjern) tqiesu bhala kazijiet identici ghall-inqas sal-grad tal-prova tan-nuqqas ta' ilment 'frivolu u vessatorju'.

Dan wisq izjed meta jitqies illi l-ebda wiehed mill-kazijiet li maghhom qieghed isir paragun ma kien kaz fejn xi hadd mar iwettaq hruq doluz ta' fond kontra pagament (fil-kaz odjern, il-parti li pprovokat ir-referenza kienet wettqet hruq doluz ta' fond kontra pagament) minghajr lanqas biss kellu l-icken kwistjoni mal-okkupant tal-fond u fil-fatt minghajr lanqas biss ma kien jaf min hu. Huwa car daqs il-kristall fil-fehma tal-esponent illi persuna li taccetta li taghmel att perikoluz bhal dan semplicement ghall-flus jew rigal iehor hija hafna izjed ta' periklu ghas-socjeta minn persuna li twettaq

hrug doluz minhabba li titlef il-kontroll taghha nnifisha xi kwistjoni istantanea. Dan ukoll jekk ghar-raguni biss tal-possibilita ta' ripetizzjoni tar-reat.

3. Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u cioe l-ilment mibni fuq allegata diskriminazzjoni, l-esponenti jissottomettu li min imkien ma huwa ndikat fuq liema kawzali jew stat ir-rikorrenti qed jallega li qieghed jigi diskriminat. Illi ghalhekk anke jekk fuq din ir-raguni biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat. Ma jistax ikollok pretensjoni ta’ diskriminazzjoni in vacuo minghajr ma tkun indikata l-allegata bazi ghad-diskriminazzjoni.

Illi l-esponenti jissottomettu illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' 'like with like'. Di piu, l-esponenti jissottomettu illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal diskriminazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

F'dan il-kaz il-fatt illi fi tlett kazijiet ohra ta' hruq doluz l-Avukat Generali kien wasal ghal patteggiament illi kien gie addottat mill-Qorti (di piu, presjeduta minn Imhallfin differenti) u fil-kaz odjern (hames snin wara) ma wasalx ghall-patteggiament bl-ebda mod ma jfisser illi kien hemm xi diskriminazzjoni. Il-fatti tal-kazijiet kienu differenti u fl-ebda kaz minn dawk patteggjati ma kien hemm sitwazzjoni ta' persuna mqabbda kontra pagament biex twettaq hruq doluz. Di piu l-akkuzat fil-kaz odjern lanqas ma kien eligibbli li jinghata sentenza sospiza ghax kien ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' ordni ta' probation. U allura lanqas li kieku sehh l-impossibbli u l-fatti kienu identici ma setghet il-piena qatt kienet l-istess.

Huwa verament impressjonanti kif allura l-Avukat Generali qieghed jigi akkuzat li wettaq diskriminazzjoni talli ma wasalx ghal-patteggjament kontra l-ligi u dan wisq izjed meta l-kazijiet ma kienux l-istess.

Illi in kwantu bazata fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni r-referenza hija wkoll inkompatibbli ma’ dak li jipprovdi s-sub-artikolu (8) tal-istess artikolu 45 fis-sens illi: “(8) Ebda haga fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma ghandha tolqot xi diskrezzjoni dwar l-eghmil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proceduri civili jew kriminali f'xi qorti li jkollha xi persuna bi jew skont din il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra.”

4. Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur tal-Artikoli li dwarhom saret ir-referenza u l-esponent umilment jissottometti li huwa car li t-twegiba lill-Qorti riferenti ghandha tkun fis-sens li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39 abbinat mal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

**Referenza prematura u intempestiva**

Preliminarjament l-Avukat Generali wiegeb ghar-referenza billi qal li gialadarba parti mir-referenza hija mibnija fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq f'kawza li ghadha pendenti (it-talba ghar-referenza saret meta l-appell kien thalla ghas-sentenza ghat 30 ta' Jannar 2019 - ara rikors tad-9 ta' Jannar 2019 ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza), l-ezercizzju biex jigi determinat kienx hemm smigh xieraq huwa prematur u intempestiv stante li sa issa ghadu mhux maghruf jekk, kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrenti sejjer jigi zvantaggjat waqt is-smigh tal-proceduri kriminali li ghadhom pendenti. Il-process gudizzjarju irid jigi ezaminat fit-totalita tieghu.

Dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizulta l-principju fis-sens illi ghalkemm huwa minnu li l-harsien tad-dritt ta' smigh xieraq ghandu jigi evalwat fil-kuntest tal-proceduri kollha, u ghalhekk ikun prematur li wiehed jiddeciedi fi stadju bikri tal-process, pero meta diga jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, ma ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu jew tistenna li attwalment jigi miksur il-jedd sabiex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le." (**Johan Frederik Stellingwerf vs Avukat Generali et**, PA Kost 30/05/2018).

Illi t-talba tal-Qorti riferenti hija fis-sens li jigi deciz jekk fil-proceduri penali migjuba kontra l-akkuzat huwa giex trattat bl-istess mod bhal persuni ohra akkuzati b'reati identici u setax kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba din l-allegata diskriminazzjoni.

Din il-Qorti tirrileva li l-Qorti tal-Appell Kriminali mhijiex se tiddeciedi jekk bil-fatt li ma sarx patteggjament mal-appellant inkisirx id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq jew giex diskriminat imma hi se tiddeciedi fuq l-appell kemm tal-akkuzat kif ukoll tal-Prosekuzzjoni, (li appellat ukoll), dwar jekk il-piena moghtija mill-Qorti Kriminali kinitx eccessiva u jekk kellhiex raguni specjali u straordinarja sabiex tinzel inqas mill-piena minima ta' sitt snin prigunerija. Il-Qrati ordinarji mhumiex aditi bil-gurisdizzjoni

originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet fondamentali. Dan jispetta lill-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom. Ghalhekk ir-referenza mhijiex intempestiva.

L-Avukat Generali ssottometta wkoll li minkejja li l-kwistjoni li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti hija mnissla minn referenza kostituzzjonali xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata intempestiva u prematura tenut kont li l-procedura kriminali ghadha ma gietx konkluza.

In vista tad-decizjoni ta’ dina l-Qorti li r-referenza mhijiex prematura jew intempestiva, il-Qorti trid toqghod fuq dak li intalab mill-Qorti referenti. Il-funzjoni ta’ din il-Qorti hi li tirrispondi ghad-domandi maghmula mill-qorti referenti, u l-parametri huma dawk stabbiliti mir-referenza stess.

Ghaldaqstant dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

L-Avukat Generali wiegeb illi ma sar xejn matul il-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tal-parti li provokat ir-riferenza. Minn imkien, lanqas mid-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ma jirrizuta li b'xi mod gew mittiefsa xi wahda mill-protezzjonijiet moghtija bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

F'dan ir-rigward isemmi li (a) il-proceduri kollha qed jinzammu u qed jigu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti ghandu access ghall-Qorti; (c) is-smigh kollu kien kondott fil-presenza tieghu; (d) l-partijiet kollha qed jigu trattati b'mod ugwali minghajr ma kien hemm l-ebda vantagg procedurali minn xi persuna fuq ohra; (e) ir-rikorrenti nghata l-opportunita kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstab meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri; u (g) ir-rikorrenti kien moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

Illi huwa minnu dak li gie sottomess mill-Avukat Generali fir-rigward ta’ kif inzammu l-proceduri kriminali, imma l-ilment specifiku tal-appellant, li n-nuqqas ta’ patteggjament jista’ jilledi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, ghandu jigi ttrattat taht l-

element ta' 'general fairness' kif prevvist mill-Artikolu 6(1) fejn the requirement of fairness applies to proceedings in their entirety.

**Patteggament u Diskrezzjoni tal-Avukat Generali**

Ir-rikorrent jilmenta li bil-fatt illi I-Avukat Generali, kuntrarjament ghal kazijiet ohra fejn l-akkuzi kienu identici u l-fattispecje simili ghal dawk in ezami, ghogbu jasal ghal patteggjament mal-persuna akkuzata, fejn kien hemm qbil li l-piena kellha tkun dik ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, mentri fil-kaz tal-appellant dan ma sehhx, b'hekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq.

L-Avukat Generali wiegeb li r-rikorrenti qieghed jittanta jirkeb fuq il-funzjoni tal-Avukat Generali fl-istitut tal-patteggjament sabiex jilmenta minn allegat ksur tad-dritt ta' smigh xieraq. Jghid ukoll li fil-kaz ta` Baldacchino, ma kienx hemm patteggjament dwar il-piena u ma saret l-ebda talba konguntiva lill-Qorti Kriminali kif sar fil-kazijiet l-ohra kwotati mir-rikorrent. Ghalhekk ma jistax isir paragun bejn il-kaz tieghu u l-kazijiet l-ohra imsemmija minnu.

Is-sistema ta' patteggjamenti tezisti fil-Kodici Kriminali taghna kif ukoll f'gurisdizzjonijiet ohra.

L-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 jipprovdi ghal patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati:

> Fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jilhqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita' miftiehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom".

L-Artikolu 453A jipprovvdi ghal patteggjament quddiem il-Qorti Kriminali.

> (1) Qabel ma l-imputat iwiegeb dwar il-kaz b'mod generali kif hemm provdut fl-artikolu 453, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jitolbu lill-qorti, fil-kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, li tapplika sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-

> kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom.
>
> (2) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-mizura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni msemmija fl-artikolu 453(2) jew ghal xi raguni ohra li tichad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-qorti ghandha, meta ssir l-ammissjoni ta' htija tal-imputat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghda tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.

Il-patteggjament jista' jsir bi qbil bejn il-partijiet u biss skond il-formalita ravvizata fil-ligi.

Illi l-Qorti ta' Strasbourgu kellha okkazzjoni tiddeciedi dwar in-natura tal-patteggjament f'diversi decizjonijiet taghha. Din il-Qorti qed tislet is-segwenti principji minn dawn is-sentenzi:

> 242. The Court has noted that it can be considered a common feature of European criminal-justice systems for an accused to receive a lesser charge or a reduced sentence in exchange for a guilty or nolo contendere plea in advance of trial, or for providing substantial cooperation with the investigative authority (Natsvlishvili and Togonidze v. Georgia, § 90). There cannot therefore be anything improper in the process of charge or sentence bargaining in itself (ibid.), or in the pressure an individual to accept pre-trial resolution of the case by the fact that he or she would be required to appear in court (Deweer v. Belgium, § 51). For the Court, plea bargaining, apart from offering important benefits of speedy adjudication of criminal cases and alleviating the workload of courts, prosecutors and lawyers, can also, if applied correctly, be a successful tool in combating corruption and organised crime and can contribute to the reduction of the number of sentences imposed and, as a result, the number of prisoners (Natsvlishvili and Togonidze v. Georgia, § 90).
>
> 243. The Court has also noted that the effect of plea bargaining is that a criminal charge against the accused is determined through an abridged form of judicial examination, which amounts, in substance, to a waiver of a number of procedural rights (Navalnyy and Ofitserov v. Russia, § 100). This cannot be a problem in itself, since neither the letter nor the spirit of Article 6 prevents a person from waiving these safeguards by free will. Thus, by analogy with the principles concerning the validity of waivers, the Court has found that a decision to accept the plea bargain should have been accompanied by the following conditions: (a) the bargain had to be accepted by the applicant in full awareness of the facts of the case and the legal

> consequences and in a genuinely voluntary manner; and (b) the content of the bargain and the fairness of the manner in which it had been reached between the parties had to be subjected to sufficient judicial review. (Natsvlishvili and Togonidze v. Georgia, §§ 91-92)
> (Ara Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb) Updated on 30 April 2019).

Din il-Qorti tqis illi huwa opportun ukoll li jigi citat is-segwenti bran mid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali **Aimen Said Giali El Baden vs Avukat Generali** deciz 31/05/2019 fejn saret referenza ghal kaz imsemmi ta' **Natasvlishvili and Togonidze vs Georgia**, tad-29 ta' April 2014:

> The Court thus observes that by striking a bargain with the prosecuting authority over the sentence and pleading no contest as regards the charges, the first applicant waived his right to have the criminal case against him examined on the merits. However, by analogy with the above-mentioned principles concerning the validity of such waivers, the Court considers that the first applicant's decision to accept the plea bargain should have been accompanied by the following conditions: (a) the bargain had to be accepted by the first applicant in full awareness of the facts of the case and the legal consequences and in a genuinely voluntary manner; and (b) the content of the bargain and the fairness of the manner in which it had been reached between the parties had to be subjected to sufficient judicial review."

Meta jsir patteggjament huma l-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali li jiddetenninaw il-htija o meno tal-persuna akkuzata u mhux l-Avukat Generali flimkien mal-akkuzat. Il-qrati ta' guridizzjoni kriminali mhumiex obbligati li jaccettaw xi ammissjoni li huma ma jkunux konvinti minnha. Bl-ebda mod ghalhekk ma jfisser li xi ftehim dwar patteggjament jikkostitwixxi xi gudizzju definittiv li jista' jigi impost fuq il-Qorti. Hija biss il-Qorti li trid tara jekk il-patteggjament huwiex wiehed accettabbli ghaliha u li l-ammissjoni tal-akkuzat u l-piena li jkunu waslu ghaliha l-Prosekuzzjoni u d-difiza tkun wahda giusta u li tista' taccetta.

Il-Qorti hawn tirreferi ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Claudio Porsenna** fit-30 ta' Lulju 2015 fejn qamet ukoll din il-kwistjoni. L-istess kwistjoni kienet tqajmet ukoll fil-kaz **The Republic of Malta vs Stephen Nana Owusu** deciz fit-12 ta' Dicembru 2013 fejn intqal hekk:

> Appellant says that during plea-bargaining (or, more correctly, sentence bargaining) with the Attorney General's Office, that Office indicated that it was prepared to agree to a punishment of ten years imprisonment. Appellant did not agree because he believed that he should receive a lesser

punishment. The fact of the matter is that no agreement was reached and whatever discussions there may have been between appellant and the Attorney General, they have absolutely no bearing on the manner of disposal by the Criminal Court. Indeed, even had an agreement been reached, the Court would not have necessarily been bound by such agreement. Article 453A(2) of the Criminal Code provides that the Court "shall" proceed to pass the sentence indicated to it by the parties "if the court is satisfied that the sanction or measure, or combination of sanctions and measures, requested as provided in subarticle (1) is one which it would have been lawful for it to impose upon conviction for the offence to which the accused has pleaded guilty and does not have cause to order the trial of the cause to be proceeded with for a reason referred to in article 453(2) or for any other reason to reject the request".'

(Ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et**, 5 ta' Dicembru 2015)

Illi fil-kaz in ezami ma kien ntlahaq l-ebda qbil fuq piena u ma sar ebda rikors konguntiv. Ir-rikorrenti qed jirsisti pero li seta ntlahaq ftehim fuq piena billi kien hemm kazijiet ohra, li huwa rrefera ghalihom, u li huwa jghid li kienu simili, fejn l-Avukat Generali kien ippatteggja. Izda f'dan il-kaz ghazel li ma jippatteggjax.

Dwar ir-raguni ghal dan in-nuqqas ta' patteggjament, l-Avukat Generali spjega li Baldacchino kien assistit mill-Avukat Gavin Gulia li kien esplora l-possibilita li jkun hemm patteggjament f'dan il-kaz. Kien intlahaq ftehim dwar il-piena. Hekk kif kien qed isiru l-preparamenti biex jigi ffirmat ir-rikors konguntiv, l-Avukat Generali gie infurmat li Dr Franco Debono kien assocja ruhhu ma' Dr Gulia fil-patrocinju tar-rikorrent. Dr Franco Debono kien infurmahom li xtaq ikompli bit-trattativi dwar il-patteggjament ghaliex xtaq mitigazzjoni ulterjuri tal-piena. L-Avukat Generali ma qabilx mal-piena proposta ulterjorment (i) ghax il-piena proposta ma kinitx tirrispekkja l-gravita u n-natura tal-akkuzi li l-akkuzat kien lest li jammetti u (ii) ma kienx etikament accettabili li, ghax dahal avukat iehor u n-negozjati baqghu l-istess, issir mitigazzjoni ulterjuri.

L-intimat Avukat Generali semma ukoll ragunijiet ohra ghaliex ma kienx sar patteggjament mal-akkuzat, fosthom li mhux veru li l-akkuzi u l-fattispecie tal-kazijiet indikati mill-akkuzat kienu identici u li l-patteggjament isir bi qbil bejn il-partijiet u huma jipproponu u mhux jimponu piena fuq il-Qorti. Hija biss il-Qorti li finalment tiddeciedi jekk taccettax jew le l-proposta li ssir fir-rikors konguntiv.

**Fatti u pieni identici**

Ir-rikorrenti jallega li d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jippatteggja ma tintitolahx li jiddiskrimina bejn persuni akkuzati b'reati simili. Hu ghamel referenza ghal tlett kazijiet fejn l-Avukat Generali mhux talli ppatteggja izda sahansitra prattikament irtira jew ssostitwixxa kap tal-att tal-akkuza meta l-fatti esposti fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuza kienu juru xorta ohra.

L-Avukat Generali jsostni li hu infondat l-argument li akkuzi identici ghandhom jirrizultaw f'pieni identici. Il-ligi stess tipprovdi ghal kastigi minimi u massimi ghall-istess reat ghax tirrikonoxxi illi l-istess reat jista' jigi kommess f'diversi gradi ta' gravita. Jishaq li l-kontroparti qeghda tipprezenta xenarju semplicistiku meta tipprezumi li jekk l-akkuzi huma identici allura kollox hu identiku bir-rizultat illi anke l-piena trid tkun identika. Dan huwa l-antitezi tal-gustizzja fil-kamp penali. Ghad li l-akkuzi jistghu jkunu l-istess, il-fatti ta' kull kaz ivarjaw kif ukoll ivarjaw il-provi u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fil-fehma tal-Qorti kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu. Il-fatti vera li kull Qorti tista' toqghod fuqhom (anke jekk ikun hemm bzonn biex ssir paragun) huma dawk li jemergu mill-atti processwali u mill-provi u mhux min-narrattiva tal-att ta' akkuza, kif ipprova jaghmel ir-rikorrent

Kif gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michelle Bugeja** deciza fit-3 ta' Novembru, 2014:

> Illi certi principji legali li m'humiex assoluti, moghtija minn liema Qorti jkunu moghtija, ma jistghux u ma ghandhomx jigu applikati bl-istess mod u f'kull kaz indiskriminatament, indipendentement mill-kuntest tal-kaz, mill-isfond tal-fatti tal-kaz u mic-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz. Il-Gustizzja trid issir b'riferenza ghal fattispecie partikolari u tapplika d-dritt ghal dawk il-fattispecie partikolari – u l-Gustizzja trid issir filwaqt li tidher li qed issir. Altrimenti ma jkunx qieghed isir ezercizzju t'amministrazzjoni ta' Gustizzja – li jiehu kont kemm tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkuzata kif ukoll tas-socjeta Maltija li ghandha interess li tara li reati kriminali (anke meta ammessi u konfessi skond il-Ligi) - jigu mrazna.
>
> Hu evidenti li mhux possibili ghal Qorti li telenka l-kazijiet kollha fejn riduzzjoni ta' piena tkun jew ma tkunx indikata peress li kull kaz ghandu l-

> fattispecie tieghu u anke irid jittiehed in konsiderazzjoni fliema zmien kienu inghataw is-sentenzi li ssir referenza ghalihom.
>
> Illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali f'dana l-kaz deciza fil-14/12/2016, dik il-Qorti qalet hekk fuq il-kazijiet li l-akkuzat kien ghamel referenza ghalihom:
> Illi, fil-qosor, l-abbli avukati difensuri fit-trattazzjoni taghhom indikaw li s-sentenzi li gew ezebiti u l-kaz in ezami ghandhom hafna punti ta' xebh. Min-naha tal-Prosekuzzjoni t-tezi hi li minhabba l-fatt li l-akkuzat ammetta l-akkuzi skont l-Att ta' Akkuza, is-sentenzi in ezami ma ghandhomx x'jaqsmu.
>
> Illi hu car li l-fatti specie ta' dawk il-hames sentenzi ezebiti huma differenti ghal xulxin kif ukoll huma differenti ghal kaz in ezami u din il-Qorti mhux ser tiddilunga fuq dan l-aspett.

Jirrizulta li l-akkuzat kien qal li hemm punti ta' xebh f'dawk il-kazijiet; il-Qorti Kriminali qalet li huma differenti ghal xulxin u ghal kaz in ezami, u l-Qorti Referenti qalet, fid-digriet taghha, li l-kazijiet huma identici. Fuq dan hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u l-Qrati imsemmija.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal ktieb ta' **Jacobs and White**, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "fourth instance" doctrine, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet dawn il-principji rilevanti ghal kaz in ezami:

> 1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.
> 2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.
> 3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.
> 4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.
> 5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.

(ara wkoll **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, PA Kost 28/12/2001; **Victor Micallef vs Avukat Generali et**, Kost 09/10/2001, Kollez. Vol: LXXXV.i.328)

Illi l-Qorti kriminali iddecidiet li l-kazijiet imsemmija mill-akkuzat huma differenti mentri l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li huma identici. Din il-Qorti trid tara li ma tissostitwix b'taghha l-konvinciment li wassal li dawk il-Qrati jiddeciedu b'dak il-mod djametrikament oppost. Xoghol din il-Qorti huwa dak li tara jekk, bil-mod kif tmexxa l-kaz kontra l-akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali kienx imhares il-jedd tieghu li jinghata smigh xieraq u mhux to substitute its own findings of fact.

Din il-Qorti tghid biss li kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu u l-ligi ghandha tigi applikata ghal dawk il-fattispecie partikolari. Inoltre anke jekk l-akkuzi huma identici mhux bil-fors il-piena se tkun identika ghax il-fatti ta' kull kaz ivarjaw kif ukoll ivarjaw il-provi u c-cirkostanzi partikolari kif johrogu mill-atti processwali ta' kull kaz. F'dan il-kaz, biss biss, jissemma li s-sentenzi li saret referenza ghalihom, inqghataw hames snin qabel; l-akkuzat kien ukoll mixli li kiser il-probation u li l-hruq tal-fond kien wiehed doluz u kontra pagament.

Jekk kazijiet kellhom jigu accettati bhala l-istess minhabba l-plea bargaining, il-Qorti ma tkunx tista' tasal ghal verita dwar il-partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-akkuzati fuq ir-reat.

Apparti r-raguni imsemmija dwar is-somiljanza tal-akkuzi ma' kazijiet ohra, l-Avukat Generali isemmi wkoll li ma ntlahaqx ftehim ghax il-piena ulterjuri proposta minn Dr Debono (ghax ma' Dr Gulia kienu waslu) ma kinitx tirrispekkja l-gravita u n-natura tal-akkuzi li l-akkuzat kien lest li jammetti.

Jigi rilevat illi hija l-funzjoni tal-Avukat Generali li jiddeciedi x'akkuzi johrog kontra persuna akkuzata u li jrid jara li l-piena li jitlob tkun tirrispekkja l-gravita u n-natura tal-akkuzi, u li jaccetta li jippatteggja biss jekk jintlahaq qbil bejn il-partijiet.

Issa gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa** (17/07/2002) u fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri**" (05/07/2002) li l-ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem , jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Ghalhekk l-Avukat Generali mhux obbligat li jaccetta patteggjament semplicement ghax akkuzat lest li jammetti. Jekk l-Avukat Generali ma jaqbilx ma dak li jigi propost lilu, huwa liberu li ma jaccettax li jippatteggja. Wara kollox l-Avukat Generali johrog l-akkuzi u jispetta lilu li jiddeciedi jekk inaqqasx jew jibdilx l-akkuzi li jkun hareg. Meta jsir patteggjament hija l-Qorti li trid taccetta u tiddeciedi finalment, izda meta ma jintlahaqx fethim u ma jsirx patteggjament il-Qorti ma tidholx fiha ghax hija ma tistax f'dak l-istadju tesprimi opinjoni dwar piena (jekk mhux fis-sentenza li taghti) u ma tistax taghmilha ta' prosekutur minflok l-Avukat Generali u tghidlu x'ghandu jaghmel u ma jaghmilx fil-funzjoni tieghu jew tidhol fil-mertu tal-akkuzi, dwar liema ghandhom jigu irtirati u liema ghandu jinsisti fuqhom.

Fil-fehma tal-Qorti l-Avukat Generali f'dan il-kaz kellhu r-ragunijiet validi ghaliex ma setghax jaccetta patteggjament u l-akkuzat kien jaf b'dawn ir-ragunijiet meta gew biex jippatteggjaw. Il-Qorti Kriminali sahansitra kienet ikkonfermat li s-sentenzi li l-akkuzat rrefera ghalihom kienu differenti. L-Avukat Generali ma kienx obbligat li bil-fors jaccetta l-proposta ulterjuri tal-akkuzat kontra l-konvinzjoni tieghu. Il-Prosekuzzjoni ma tista' qatt li tigi sfurzata li taccetta piena jekk hi ma taqbilx maghha specjalment meta dik il-piena ma tkunx tirrifletti l-akkuzi li taghhom l-akkuzat ikun irid jirregistra ammissjoni. Illi mkien fil-Kodici Kriminali ma huwa kontemplat li l-Avukat Generali hu obbligat li jaccetta li jippatteggja jekk mhux bi qbil. Il-Kodici Kriminali jinsisti li jrid ikun hemm qbil u li jkun kkonfermat permezz ta' rikors konguntiv. Dan il-qbil ma ntlahaqx u r-rikors kongunttiv ma giex finalizzat. Jigi puntwalizzat li anke kieku stess l-Avukat Generali accetta li jippattegga, l-Qorti Kriminali ma kinitx marbuta li taccetta dak li gie propost lilha.

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proceduri li jwassal ghal-lezjoni tad-drittijiet tal-akkuzat ghal smigh xieraq. Ghaldaqstant, l-ilmenti tieghu kollha taht l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni qeghdin jigu michuda.

**Diskriminazzjoni - Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**

Ir-rikorrent issottometta li b'din id-diskrezzjoni, l-Avukat Generali holoq diskriminazzjoni kontra tieghu billi huwa ma jistax jiddiskrimina bejn persuni akkuzati bl-istess reat.

L-Avukat General issottometta illi ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni billi r-rikorrent ma ssodisfax l-element importanti sabiex tiskatta l-applikabbilita tal-provvediment fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Minn imkien ma huwa ndikat fuq liema kawzali jew stat ir-rikorrenti qed jallega li qieghed jigi diskriminat. Huwa jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament simili sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' 'like with like'. Il-kazijiet imsemmija minnu ma kienux l-istess u l-ebda kaz ma huwa identiku.

L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi s-segwenti:

> It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor.

Din il-Qorti tirreferi ghall-principji generali esposti fis-sentenza **Amato Gauci vs Malta**, para 66-68) partikolarment fejn jinghad:

> 1. The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (see, among many other authorities, Petrovic v. Austria, 27 March 1998, § 22, Reports 1998-II).
>
> 2. The Court reiterates that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations (see Willis v. the United Kingdom, no. 36042/97, § 48, ECHR 2002-IV). However, not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory (see Unal Tekeli v. Turkey, no. 29865/96, § 49, 16 November 2004).

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti gja ddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 ghalhekk it-talba fir-referenza fejn hija abbinata mal-artikolu 14 ma tistax tintlaqa.

Fil-kaz in dizamina lanqas ma giet allegata xi diskriminazzjoni ghal xi raguni tal-status (ragunijiet bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status iehor) sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal- Konvenzjoni ghalhekk anke taht dana l-aspett it-talba ma tistax tintlaqa'.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti twiegeb ir-referenza billi tghid li r-rikorrent ma sofra ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Decide

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi twiegeb ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali bid-digriet taghha tad-13 ta' Frar, 2019 billi ma ssib ebda lezjoni tal-artikolu 39 abbinat mal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalhekk tordna lir-Registratur sabiex ighaddi lura l-atti lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur